**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2025**

## Talba Nru: 91/2024MD

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Xemizin Mc Kay (ID 0336003L)**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-20 ta' Marzu, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut iħallas is-somma ta' elf, tlett mija u sitta u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżimu (€1,346.12) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11108678 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut; bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 2574/23, u bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduti tal-20 ta' Mejju, 2025[2], u tad-29 ta' Mejju, 2025[3].

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 33 tal-proċess
[3] A fol 34 tal-proċess

Sema x-xhieda tal-PL Petra Licari li kkonfermat li l-ammont ta' elf, tlett mija u sitta u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżimu (€1,346.12) għadu dovut[4].

Ra li fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2025[5] it-Tribunal awtorizza lil konvenut żmien sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub u l-konvenut naqas li jagħmel dan.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

It-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess Avviż li jindika l-bilanċ dovut għal-servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11108678 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut, u mix-xhieda tal-PL Petra Licari in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi[6].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' elf, tlett mija u sitta u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżimu (€1,346.12), bl-imgħax dekorribbli mill-1 ta' Marzu, 2023[7] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċċjali bin-numru 2574/2023[8] jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[4] A fol 33 tal-proċess, xhieda datata 20 ta' Mejju, 2025
[5] A fol 34 tal-proċess
[6] A fol 5 tal-proċess
[7] Data skont l-fattura annessa mat-talba, a fol 4 tal-proċess
[8] A fol 7 et seq tal-proċess